IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.3.2020
COM(2020) 97 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

DWAR L-ATTIVITÀ ESTERNA TAL-BEI TAL-2018 FIL-QAFAS TAL-GARANZIJA BAĠITARJA TAL-UE

MT MT

1. INTRODUZZJONI

Il-Mandat ta' Self Estern (ELM, External Lending Mandate) tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) huwa strument importanti li permezz tiegħu l-Unjoni Ewropea tappoġġa l-investiment fil-pajjiżi sħab. Dan huwa bbażat fuq garanzija mir-riżorsi tal-baġit tal-UE, ipprovduta mill-Kummissjoni Ewropea lill-BEI biex ikun jista' jżid is-self tiegħu barra mill-UE bħala appoġġ għall-politiki tal-UE. Il-garanzija tal-UE tkopri istanzi definiti meta l-mutwatarji jonqsu milli jħallsu lura l-finanzjament dovut lill-BEI. B'dan il-mod, il-garanzija tal-UE żżid il-kapaċità tal-BEI li jġorr ir-riskju tal-investiment. Il-bażi ġuridika tal-ELM hija d-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE (id-"Deċiżjoni tal-ELM")[1], li ġiet emendata l-aħħar fl-2018[2]. F'każ li l-BEI jinvoka l-garanzija tal-UE, isiru pagamenti mill-Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni[3].

L-ELM jappoġġa l-attività tal-BEI fil-pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni, fil-Viċinat tal-Lvant u tan-Nofsinhar, fl-Asja, fl-Amerka Latina u fl-Afrika t'Isfel, b'total ta' 64 pajjiż li bħalissa huma eliġibbli. Fil-perjodu attwali tal-ELM (2014–2020), il-baġit tal-UE jiggarantixxi sa EUR 32,3 biljun tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI b'impenn li jiġu koperti l-ewwel 65 % tat-telf li jista' jinħoloq fil-portafoll iggarantit. Id-Deċiżjoni tal-ELM tistabbilixxi limiti tal-garanzija għad-diversi reġjuni u sottoreġjuni ġeografiċi.

Reċentement il-Kummissjoni ppubblikat evalwazzjoni komprensiva tal-implimentazzjoni tal-Mandat ta' Self Estern minn nofs l-2014 sal-aħħar tal-2018[4].

Dan ir-rapport annwali jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet tal-BEI taħt il-garanzija tal-UE fl-2018[5]. Dan jagħti wkoll sommarju tal-operazzjonijiet imwettqa mill-BEI mingħajr il-garanzija tal-UE (jiġifieri għar-"riskju proprju" tiegħu) sabiex jagħti stampa iktar sħiħa tal-attività tal-BEI fir-reġjuni koperti mill-ELM[6].

2. RIŻULTATI EWLENIN

---

1 Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti ta' investiment barra mill-Unjoni Ewropea, ĠU L 135, 8.5.2014, p. 1.

2 Id-Deċiżjoni emendatorja (UE) 2018/412 tal-14 ta' Marzu 2018, ĠU L 76, 19.3.2018, p. 30.

3 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni (Verżjoni kodifikata), ĠU L 145, 10.6.2009, p. 10, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (UE) 2018/409 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018.

4 SWD(2019) 333 final u d-dokumenti relatati, disponibbli fuq https://ec.europa.eu/info/commission-staff-evaluation-european-investment-banks-external-lending-mandate-2014-18_en.

5 Dan ir-rapport tħejja skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 11 tad-Deċiżjoni tal-ELM.

6 Il-BEI bħalissa għandu erba' Faċilitajiet tar-Riskju Proprju fir-reġjuni tal-ELM, jiġifieri l-Faċilità ta' Qabel l-Adeżjoni (PAF, Pre-Accession Facility), il-Faċilità tal-Finanzjament tal-Viċinat (NFF, Neighbourhood Financing Facility), il-Faċilità tal-Azzjoni Klimatika u l-Ambjent (CAEF, Climate Action and Environment Facility) u l-Faċilità tal-Proġetti Strateġiċi (SPF, Strategic Projects Facility). L-aħħar żewġ faċilitajiet ikopru wkoll il-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku u l-Pajjiżi u Territorji Extra-Ewropej tal-Istati Membri tal-UE.

Fl-2018, il-BEI ssottoskriva operazzjonijiet ta' finanzjament b'valur totali ta' EUR 5,8 biljun fir-reġjuni koperti mill-Mandat ta' Self Estern[7]. Minn dan it-total, iktar minn EUR 4,46 biljun tal-operazzjonijiet tal-BEI huma koperti mill-garanzija tal-UE (jiġifieri jaqgħu taħt l-ELM) u jinvolvu kważi 50 kuntratt ta' self. L-operazzjonijiet li jifdal huma ffinanzjati mill-faċilitajiet tar-riskju proprju tal-BEI.

Meta mqabbel mal-2017, meta EUR 3,2 biljun biss f'operazzjoni ġew iffirmati taħt l-ELM, il-volumi għall-2018 huma viżibbilment ogħla. B'kuntrast ma' dan, il-volum tal-operazzjonijiet ta' riskju proprju tal-BEI f'pajjiżi tal-ELM naqas minn EUR 2,3 biljun fl-2017 għal EUR 1,4 biljun fl-2018[8].

Iċ-Ċart 1 turi l-evoluzzjoni tas-self taħt l-ELM u l-faċilitajiet tar-riskju proprju bejn l-2016 u l-2018 (ammonti ffirmati, in-nett tal-ammonti kkanċellati). Matul dan il-perjodu, medja ta' 64 % tal-finanzjament tal-BEI f'dawn ir-reġjuni bbenefika mill-garanzija tal-UE[9].

Ċart 1: Evoluzzjoni annwali tal-volumi tas-self tal-BEI fir-reġjuni tal-ELM



F'konformità mad-Deċiżjoni tal-ELM, in-natura tal-garanzija tal-UE tvarja skont l-operazzjoni ta' finanzjament tal-BEI inkwistjoni:

---

7 Barra minn hekk, żewġ operazzjonijiet sottoskritti fis-snin 2005–6 ġew trasferiti taħt l-ELM 2014–20 matul l-2018, b'volum ikkombinat ta' EUR 150 miljun. Dawn iż-żewġ operazzjonijiet mhumiex inklużi fil-ħarsa ġenerali lejn il-firem tal-2018 kif ippreżentata f'dan ir-rapport annwali, imma jitqiesu fil-ħarsa ġenerali lejn ir-rata ta' utilizzazzjoni kumulattiva tal-ELM (it-Tabella 2 fit-taqsima 3.2).

8 It-tnaqqis fil-volum tal-operazzjonijiet ta' riskju proprju tal-BEI fir-reġjuni tal-ELM fl-2018 huwa prinċipalment attribwibbli għat-tnaqqis tal-attivitajiet tal-BEI fit-Turkija u għal proġetti relatati mal-azzjoni klimatika fl-Asja, fl-Asja Ċentrali u fl-Amerika Latina, li għalkemm kienu ogħla bħala kwantità kienu iżgħar fid-daqs.

9 Id-differenzi mal-ammonti ppubblikati f'rapporti preċedenti huma minħabba kanċellazzjonijiet ta' kuntratti. Iż-żewġ operazzjonijiet li ġew ittrasferiti taħt l-ELM 2014–20 minn mandati preċedenti matul l-2018 mhumiex inklużi fiċ-ċart.

- Garanzija komprensiva, li tkopri r-riskji operattivi u politiċi, hija pprovduta għall-operazzjonijiet ta' finanzjament mal-kontropartijiet tas-settur pubbliku (tipikament għall-iżvilupp tal-infrastruttura) kif ukoll għas-self tal-BEI lil banek jew kumpaniji li jibbenefikaw minn garanzija tal-gvern u għall-operazzjonijiet ta' finanzjament fil-qafas tal-mandat privat tal-Inizjattiva ta' Reżiljenza Ekonomika, maħluq wara r-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-ELM fl-2018[10].EUR 4,2 biljun jew kważi 95 % tal-operazzjonijiet ta' finanzjament iffirmati taħt l-ELM fl-2018 ibbenefikaw mill-garanzija komprensiva tal-UE.
- Għal operazzjonijiet oħra tas-settur privat tingħata *garanzija għar-riskju politiku* b'kopertura iktar limitata[11]. Fl-2018, din kopriet operazzjonijiet ta' finanzjament b'volum ta' EUR 242 miljun.

Il-livell kumulattiv ta' żborżi taħt l-ELM 2014-20 laħaq 33 % tal-firem netti fit-tmiem tal-2018 (EUR 5,8 biljun), li żdied minn 18 % fl-2016 u 25 % fl-2017. Speċjalment fil-każ ta' proġetti tal-infrastruttura, l-iżborżi tal-BEI jseħħu gradwalment u fuq għadd ta' snin[12].

3. OPERAZZJONIJIET TA' FINANZJAMENT

3.1. ĦARSA ĠENERALI LEJN L-OPERAZZJONIJIET TA' FINANZJAMENT ĠODDA TAL-BEI SKONT L-OBJETTIV

Kull operazzjoni fil-qafas tal-ELM tikkontribwixxi lejn wieħed miż-żewġ objettivi "vertikali" (a) tal-iżvilupp tas-settur privat lokali jew (b) tal-iżvilupp tal-infrastruttura soċjali u ekonomika. Barra minn hekk, l-istess operazzjonijiet jistgħu jikkontribwixxu wkoll (parzjalment jew b'mod sħiħ) lejn l-objettivi "orizzontali" tal-azzjoni klimatika, tal-integrazzjoni reġjonali u tar-reżiljenza ekonomika fit-tul[13].

Il-volum totali tal-investimenti tal-BEI li ġew iffirmati fil-qafas tal-ELM fl-2018 ammontaw għal EUR 4,46 biljun. Żewġ terzi (EUR 3 biljun) se jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-infrastruttura soċjali u ekonomika. It-terz li jifdal se jappoġġa l-iżvilupp tas-settur privat lokali, prinċipalment permezz tat-titjib fl-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament.

Mill-istess volum totali ffirmat fil-qafas tal-ELM fl-2018, 35 % se jikkontribwixxu għall-objettiv tal-azzjoni klimatika, 17 % se jappoġġaw l-integrazzjoni reġjonali, u 19 % se jikkontribwixxu għall-objettiv tar-reżiljenza ekonomika fit-tul (ara Ċart 2).

---

[10] Permezz tal-garanzija komprensiva tal-UE, il-BEI jista' jirrinunzja l-primjum tar-riskju li altrimenti jkun jeħtieġ li jinkludi fir-rata tal-imgħax tiegħu. Konsegwentement, il-pajjiżi sħab jew l-istituzzjonijiet/il-kumpaniji tagħhom jistgħu jissellfu mingħand il-BEI bi spejjeż ħafna iktar baxxi. Għal analiżi dettaljata ara SWD(2019) 333, pp. 10-11, 21 u 33-37.

[11] Il-garanzija għar-riskju politiku tkopri l-ħlas li ma jsirx minħabba l-waqfien tat-trasferiment tal-munita, l-esproprjazzjoni, gwerra jew inkwiet ċivili jew il-ksur ta' kuntratt u ċ-ċaħda sussegwenti ta' ġustizzja. Din ma twassalx għal tnaqqis tal-ipprezzar tar-riskju tal-BEI.

[12] Għal analiżi iktar dettaljata dwar l-iżborżi ara l-evalwazzjoni reċenti tal-persunal tal-Kummissjoni, SWD(2019) 333, pp. 28 – 30.

[13] L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-ELM.

Ċart 2: Kontribuzzjoni għall-objettivi tal-ELM (biljun EUR)



Nota: Proġett wieħed jista' jikkontribwixxi għal iktar minn objettiv wieħed tal-ELM. L-objettivi tal-Azzjoni Klimatika, tal-Integrazzjoni Reġjonali u tar-Reżiljenza Ekonomika fit-Tul huma objettivi trasversali (orizzontali) li japplikaw għall-proġetti kollha u b'hekk jikkoinċidu mat-tnejn l-oħra. Il-volumi tal-firem għall-Iżvilupp tas-Settur Privat Lokali u għall-Infrastruttura Ekonomika u Soċjali mgħoddija flimkien jagħtu l-volum totali ffirmat f'sena[14].

L-iżvilupp tas-settur privat lokali, b'mod partikolari l-appoġġ għall-SMEs

Il-BEI ffirma EUR 1,72 biljun ta' operazzjonijiet li jappoġġaw l-iżvilupp tas-settur privat lokali fl-2018, li minnhom EUR 1,46 biljun huma taħt l-ELM. Il-biċċa l-kbira ta' dan il-finanzjament ġie pprovdut fil-forma ta' linji ta' kreditu lil intermedjarji finanzjarji lokali (prinċipalment banek) biex jiġu mgħoddija lill-SMEs u lill-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja. Erba' minn dawn il-linji ta' kreditu għandhom imorru għand banek tat-tieni livell, prinċipalment fl-Armenja, fil-Libanu, fil-Montenegro u fl-Afrika t'Isfel. Il-BEI ffirma wkoll linja ta' kreditu ġdida għall-mikrofinanzjament fil-Ġordan b'riskju proprju.

Barra minn hekk, il-BEI investa wkoll f'fondi ta' ekwità privata fil-qafas tal-faċilitajiet tiegħu tar-riskju proprju, partikolarment fil-Fond tat-Tkabbir Ekoloġiku fin-Nofsinhar tal-Mediterran u fil-fond EcoEnterprises fl-Amerika Latina. Finalment, huwa pprovda wkoll self għall-

[14] It-EUR 847 miljun f'operazzjonijiet li jikkontribwixxu għall-objettiv ta' reżiljenza ekonomika fit-tul jinkludu wkoll diversi operazzjonijiet li kienu ġew iffirmati mill-BEI qabel il-konklużjoni tal-ftehim ta' garanzija tal-ELM attwali bejn il-Kummissjoni u l-BEI f'Ottubru 2018. L-inklużjoni tagħhom fl-objettiv ta' reżiljenza ekonomika fit-tul ġie kkonfermat bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2019) 2901 final tas-17 ta' April 2019. Fl-evalwazzjoni ppubblikata dan l-aħħar tal-Mandat ta' Self Estern (SWD(2019) 333), dawn "l-operazzjonijiet tranżizzjonali" ma kinux inklużi fil-kalkolu statistiku. Din id-differenza fil-kalkolu tispjega għaliex fil-paġna 27 l-evalwazzjoni tgħid li "10 % [biss] tal-firem tal-2018 fil-qafas tal-ELM ikkontribwew għall-objettiv ta' reżiljenza ekonomika fit-tul" [traduzzjoni mhux uffiċjali], filwaqt li Ċart 2 ta' dan ir-rapport annwali turi li 19 % tal-ammonti ffirmati fil-qafas tal-ELM f'dik is-sena jappoġġaw l-objettiv ta' reżiljenza.

iżvilupp ta' tliet żoni industrijali fil-Libanu u self lil korporazzjoni Ukrena attiva fin-negozju agrikolu u fil-ġenerazzjoni tal-elettriku bil-bijomassa.

L-iżvilupp tal-infrastruttura soċjali u ekonomika

L-operazzjonijiet ta' finanzjament li jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-infrastruttura soċjali u ekonomika fir-reġjuni tal-ELM ammontaw għal EUR 4,12 biljun tal-volumi ffirmati mill-BEI fl-2018, li kważi EUR 3 biljun minnhom jaqgħu taħt il-garanzija tal-UE. Is-setturi ewlenin ikkonċernati kienu l-enerġija, it-trasport u l-ilma/in-netwerk tad-drenaġġ.

L-investimenti f'infrastruttura ġdida fil-qafas tal-ELM jinkludu aġġornamenti għall-infrastruttura tat-trażmissjoni tal-elettriku tal-Ukrajna, mina taħt il-Bosfru, kuritur ta' toroq fil-Bożnija-Ħerzegovina, il-modernizzazzjoni tal-flotta ferrovjarja fil-Bangladesh, ir-riabilitazzjoni tan-netwerk tal-metro fi Buenos Aires jew faċilitajiet tat-trattament tal-ilma mormi fl-Eġittu.

Fil-qafas tal-faċilitajiet tiegħu tar-riskju proprju, fl-2018 il-BEI ffirma finanzjament għal pereżempju l-iżvilupp tal-enerġija solari fil-Messiku, għat-trasport urban f'Bangalore u f'Bogota, jew għall-infrastruttura tal-ilma u tal-ilma mormi fil-Panama u fl-Użbekistan.

Il-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima

EUR 2,5 biljun tas-self fir-reġjuni tal-ELM iffirmat fl-2018 jappoġġa l-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, u kważi EUR 1,6 biljun jaqa' taħt il-garanzija tal-UE[15]. Fl-aħħar tal-2018, il-proporzjon kumulattiv tal-azzjoni klimatika fil-perjodu attwali tal-ELM kien iktar minn 35 % tal-firem netti, li jeċċedi l-mira ta' 25 % stabbilita bid-Deċiżjoni tal-ELM.

L-ikbar kontribuzzjoni għall-objettiv tal-azzjoni klimatika se tirriżulta mit-trasport b'emissjonijiet iktar baxxi tal-karbonju u minn investimenti fl-enerġija rinnovabbli. L-adattament għat-tibdil fil-klima jkompli jirrappreżenta inqas minn 10 % tal-finanzjament tal-BEI relatat mal-klima fir-reġjuni tal-ELM.

L-integrazzjoni reġjonali

Il-BEI ffirma 12-il proġett ġdid fl-2018 li jagħtu kontribut għall-objettiv trasversali tal-integrazzjoni reġjonali. L-ikbar wieħed fosthom huwa l-Pipeline tal-Gass Naturali Trans-Anatoljan. Operazzjonijiet oħra f'din il-kategorija se jiffinanzjaw links tat-trasport (eż. il-ferrovija Niš-Dimitrovgrad fis-Serbja) jew aġġornamenti għas-sistemi tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru fis-Serbja u fil-Kosovo.

Inizjattiva ta' Reżiljenza Ekonomika (ERI, Economic Resilience Initiative)

---

[15] F'ħafna każijiet, parti biss minn proġett tikkontribwixxi għall-objettiv tat-tibdil fil-klima u għalhekk proporzjon biss mit-total tas-self għal dak il-proġett jiġi rrappurtat bħala self li jikkontribwixxi għal dan il-għan.

L-Inizjattiva ta' Reżiljenza Ekonomika tnediet mill-BEI fl-2016 bħala kontribut għar-rispons tal-Ewropa għall-isfida tal-migrazzjoni u tar-rifuġjati[16]. Fil-kuntest tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-ELM li tlestiet fl-2018, ġie introdott objettiv addizzjonali ta' reżiljenza ekonomika fit-tul fid-Deċiżjoni tal-ELM. Barra minn hekk, EUR 1,4 biljun ġew assenjati għal investimenti tas-settur pubbliku li jikkontribwixxu għall-objettiv tar-reżiljenza, u nħoloq "Mandat Privat tal-ERI" speċifiku ta' EUR 2,3 biljun biex jiggarantixxi l-investimenti tas-settur privat li jappoġġaw ir-reżiljenza ekonomika fit-tul. Il-Mandat Privat tal-ERI huwa speċifiku fis-sens li jipprovdi kopertura ta' garanzija komprensiva għall-BEI, u b'hekk ikun jista' jwettaq operazzjonijiet ta' finanzjament b'riskju ogħla[17].

Sal-aħħar tal-2018, il-BEI approva EUR 4,1 biljun tal-operazzjonijiet previsti biex jirrispondu għal dan l-objettiv il-ġdid tal-ELM. Iktar minn nofshom huma linji ta' kreditu (l-aktar għas-self lill-SMEs), xi 12 % huma investimenti fl-ilma u fin-netwerk tad-drenaġġ u kważi 11 % huma investimenti fit-trasport.

3.2. ĦARSA ĠENERALI LEJN IL-FINANZJAMENT TAL-BEI SKONT IR-REĠJUN U S-SETTUR

It-Tabella 1 tagħti ħarsa ġenerali lejn il-volum tal-finanzjament tal-BEI fl-2018 fir-reġjuni koperti mill-ELM, inklużi dawk b'garanzija tal-UE u dawk iffinanzjati taħt il-faċilitajiet tar-riskju proprju.

Tabella 1: Operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI ffirmati fl-2018 fir-reġjuni tal-ELM (wara li jitnaqqsu l-kanċellazzjonijiet)

Reġjun (f'miljuni ta' EUR)	**Operazzjonijiet b'garanzija tal-UE**			**Faċilitajiet tar-riskju proprju tal-BEI jew fondi ta' parti terza**	**Total**
	Garanzija komprensiva	**Garanzija għar-riskju politiku**	**ELM totali**		
Qabel l-Adeżjoni	1,182	60	**1,242**	230	**1,472**
Mediterran	1,944	20	**1,964**	60	**2,024**
Ġirien tal-Lvant, Russja	470	162	**632**	--	**632**
Asja	205	--	**205**	600	**805**
Asja Ċentrali	--	--	**--**	200	**200**
Amerika Latina	347	--	**347**	292	**639**
L-Afrika t'Isfel	70	--	**70**	--	**70**
Total	**4,218**	**242**	**4,460**	**1,382**	**5,842**

Il-BEI ffirma EUR 5,8 biljun ta' self fir-reġjuni tal-ELM fl-2018 minn EUR 7,7 biljun ta' operazzjonijiet barra mill-UE (inklużi l-pajjiżi tal-AKP u l-Pajjiżi u t-Territorji Extra-Ewropej, kif ukoll l-istati tal-EFTA). Il-volum tal-operazzjonijiet iffirmati fir-reġjuni ta'

[16] https://www.eib.org/en/projects/initiatives/resilience-initiative/index.htm
[17] Il-BEI jħallas lill-UE għall-garanzija baġitarja fil-qafas tal-Mandat Privat tal-ERI billi jgħaddi d-dħul fuq dawn l-operazzjonijiet relatat mar-riskju lill-UE.

Qabel l-Adeżjoni u tal-Viċinat (kemm tan-Nofsinhar kif ukoll tal-Lvant) huwa madwar EUR 4,1 biljun. EUR 1,7 biljun ġew iffirmati fl-Asja, fl-Asja Ċentrali, fl-Amerika Latina u fl-Afrika t'Isfel[18].

Meta mqabbel mal-2017, il-volum totali tal-finanzjament tal-BEI fir-reġjuni tal-ELM żdied xi ftit fl-2018, prinċipalment minħabba żieda fl-attività fil-Balkani tal-Punent.

Tabella 2: Firem netti kull sena u firem netti kumulattivi meta mqabbla mal-limiti massimi tal-garanzija tal-ELM għas-snin 2014-20 (id-Deċiżjoni 466/2014/UE kif emendata bid-Deċiżjoni (UE) 2018/412)

Reġjun / sena (f'miljuni ta' EUR)	**2014 (H2)**	**2015**	**2016**	**2017**	**2018**	**Total 2014(H2) - 2018**	**Limitu massimu tal-garanzija**	**Rata tal-użu**
Qabel l-Adeżjoni	200	906	582	170	1,242	**3,100**	7,635	**41 %**
Mediterran	379	726	1,299	1,168	1,789*	**5,973**	11,170	**53 %**
*Mandat Privat tal-ERI***				*612*	*325*	***937***	*2,300*	***41 %***
Il-Viċinat tal-Lvant, ir-Russja	975	1,401	1,493	657	632	**5,158**	6,650	**78 %**
Asja	45	433	45	118	205	**846**	1,165	**73 %**
Asja Ċentrali	70	70	20	22		**182**	224	**81 %**
Amerika Latina	219	468	319	371	347	**1,725**	2,694	**64 %**
L-Afrika t'Isfel		150		50	70	**270**	462	**58 %**
Total	**1,888**	**4,154**	**3,758**	**3,168**	**4,610***	**17,578**	**32,300**	**54 %**

** inkluż żewġ operazzjonijiet fil-Viċinat tan-Nofsinhar b'volum ta' EUR 150 miljun, ittrasferiti minn mandati preċedenti għall-ELM 2014-20 matul l-2018.*

*** Il-Mandat Privat tal-ERI jkopri l-Balkani tal-Punent u r-reġjun tal-Mediterran.*

Fl-aħħar tal-2018, il-firem kumulattivi fil-qafas tal-ELM għas-snin 2014-18, bi tnaqqis tal-kanċellazzjonijiet, laħqu madwar EUR 17,6-il biljun. F'termini ta' firem netti, ir-rata tal-użu kumulattiva tal-ELM kienet 54 % tal-limitu massimu globali tal-garanzija.

L-inqas rata tal-użu tal-garanzija tal-UE hija osservata fir-reġjun ta' Qabel l-Adeżjoni. Dan huwa prinċipalment dovut għat-tnaqqis fir-ritmu tal-operazzjonijiet tal-BEI fit-Turkija fid-dawl tal-iżviluppi politiċi mill-2016 'l hawn. L-ogħla rata tal-użu, għall-inqas f'termini ta' firem, ġiet irrekordjata fl-Asja Ċentrali u fil-Viċinat tal-Lvant.

Jekk inħarsu lejn il-Mandat Privat tal-ERI stabbilit permezz tad-Deċiżjoni emendatorja (UE) 2018/412, il-BEI diġà użа 41 % minnu sa tmiem l-2018.

[18] Kif innotat iktar 'l fuq, barra minn hekk, żewġ operazzjonijiet iffirmati fis-snin 2005–6 fil-Viċinat tan-Nofsinhar ġew trasferiti taħt l-ELM 2014–20 matul l-2018, b'volum ikkombinat ta' EUR 150 miljun. Dawn iż-żewġ operazzjonijiet mhumiex inklużi fit-Tabella 1 (ħarsa ġenerali lejn il-firem tal-2018) iżda huma mgħoddija fit-Tabella 2 (l-użu tal-limiti massimi tal-garanzija tal-ELM).

F’dak li għandu x’jaqsam mad-distribuzzjoni tas-setturi fl-operazzjonijiet tal-ELM fl-2018, fl-ewwel post hemm għal darba oħra l-linji ta’ kreditu lill-banek lokali li jservu bħala intermedjarji ta’ finanzjament għall-iżvilupp tas-settur privat (33 %). Madankollu, il-maġġoranza tal-operazzjonijiet tal-ELM jikkonsistu f’investimenti fl-infrastruttura, prinċipalment fis-setturi tat-trasport, tal-enerġija u tal-ilma/tan-netwerk tad-drenaġġ.

Tabella 3: Distribuzzjoni tas-setturi tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI ffirmati fir-reġjuni tal-ELM fl-2018 taħt il-garanzija tal-UE

Settur / reġjun (f'miljuni ta' EUR)	**Qabel l-Adeżjoni**	**Mediterran (Viċinat tan-Nofsinhar)**	**Il-Viċinat tal-Lvant u r-Russja**	**Asja***	**Amerika Latina**	**L-Afrika t'Isfel**	**Total**	***Sehem tat-total***
Linji ta' kreditu	260	970	155	--	--	70	1,455	33 %
Trasport	746	40	132	130	102	--	1,150	26 %
Enerġija	236	387	167	--	46	--	836	19 %
Ilma, netwerk tad-drenaġġ	--	438	84	75	139	--	736	17 %
Industrija	--		56	--	--	--	56	1 %
Żvilupp urban	--	77	--	--	24	--	101	2 %
Infrastruttura kkombinata	--	52	--	--	--	--	52	1 %
Agrikoltura, sajd, forestrija	--	--	38	--	--	--	38	1 %
Skart solidu	--	--	--	--	36	--	36	1 %
Total	**1,242**	**1,964**	**632**	**205**	**347**	**70**	**4,460**	**100 %**

** L-Asja teskludi s-sottoreġjun tal-Asja Ċentrali, fejn fl-2018 ma ġew iffirmati l-ebda operazzjonijiet fil-qafas tal-ELM.*

3.3. RIŻULTATI STMATI TAL-OPERAZZJONIJIET TAL-BEI

Peress li l-maġġoranza tal-operazzjonijiet tal-BEI fil-qafas tal-ELM iservu biex jiffinanzjaw investimenti fl-infrastruttura, li tipikament jieħdu ħafna snin biex jitlestew, id-*data* dwar ir-riżultati attwali u l-impatti miksuba bl-għajnuna tal-garanzija baġitarja tal-UE normalment issir disponibbli b'intervall konsiderevoli.

Il-BEI tivvaluta l-impatt mistenni tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tagħha permezz tar-"Result Measurement Framework" (ReM), li tnieda fl-2012. Fl-istadju ta' valutazzjoni, jiġu identifikati l-indikaturi tar-riżultati b'xenarji ta' referenza u miri li jbassru r-riżultati ekonomiċi, soċjali u ambjentali mistennija. Il-kisbiet fid-dawl ta' dawn l-indikaturi tal-prestazzjoni jiġu mmonitorjati matul ħajjet il-proġett kollu u jiġu rrappurtati f'żewġ stadji: mat-tlestija tal-proġett u tliet snin wara t-tlestija tal-proġett għal operazzjonijiet diretti; fi tmiem il-perjodu tal-investiment u fi tmiem il-ħajja tal-fondi ta' ekwità privata; u fl-aħħar tal-perjodu ta' allokazzjoni fil-każ tal-għoti ta' self tramite intermedjarji.

Fil-qafas tal-ReM, il-proġetti jiġu kklassifikati mill-BEI skont tliet "pilastri":

i. Il-Pilastru 1 jikklassifika l-kontribuzzjoni mistennija għall-prijoritajiet tal-UE u tal-pajjiżi msieħba kif ukoll l-eliġibbiltà skont l-objettivi tal-mandat tal-BEI. Dan jgħin biex tinftiehem il-loġika ta' intervent tal-BEI fid-dawl tal-*impatti* mistennija tal-proġett.
ii. Il-Pilastru 2 jikklassifika l-kwalità u s-solidità tal-operazzjoni, abbażi *tal-outputs, tal-eżiti u tar-riżultati* mistennija.

iii. Il-Pilastru 3 jikklassifika l-kontribuzzjoni finanzjarja u mhux finanzjarja mistennija (il-valur miżjud) li l-BEI jipprovdi għall-proġett, lil hinn mill-alternattiva tas-suq. Dan jgħin biex tiġi vvalutata l-loġika ta' intervent fil-livell tal-*input* tal-BEI għall-proġett.

Din is-sezzjoni tirrapporta l-istimi tal-BEI fil-kuntest tal-qafas ReM fir-rigward ta' 62 proġett li l-ewwel kuntratt ta' finanzjament għalihom ġie ffirmat fl-2018 fil-qafas tal-ELM u tal-faċilitajiet tar-riskju proprju tal-BEI. L-ammont totali tal-finanzjament approvat mill-BEI għal dawn il-proġetti huwa EUR 7,2 biljun.

Fl-2018, 59 mit-62 proġett ġdid ġew ikklassifikati mill-BEI mill-inqas bħala "sinifikanti" taħt il-Pilastru 1, li jfisser li jitqiesu li jikkonformaw mal-objettivi tal-ELM u li jagħtu kontribut kbir għall-objettivi tal-iżvilupp nazzjonali jew għal dawk tal-UE u kontribut moderat għall-oħrajn. Għal 39 proġett il-BEI kklassifika bħala "għolja" il-kontribuzzjoni tagħhom għall-prijoritajiet tal-UE kif ukoll għall-objettivi tal-iżvilupp nazzjonali.

Il-klassifikazzjoni tal-Pilastru 2 hija prinċipalment ibbażata fuq is-sodezza u s-sostenibbiltà finanzjarja u ekonomika. Fil-każ ta' proġetti tal-infrastruttura, ħames proġetti ġodda ffirmati fl-2018 ġew ikklassifikati bħala "eċċellenti" u 46 kienu kklassifikati "tajjeb" mill-BEI fil-Pilastru 2, b'rata ta' rendiment ekonomiku medju bejn l-10 % u l-15 %. Il-BEI kklassifika 11-il proġett bħala "aċċettabbli", spiss minħabba ambjent ta' riskju għoli jew dgħufijiet tal-promotur.

Ċart 3: valutazzjonijiet ReM tal-BEI għal kull pilastru tal-operazzjonijiet ġodda ffirmati fl-2018 fir-reġjuni koperti mill-ELM



Fil-Pilastru 3, il-BEI kklassifika l-kontribuzzjoni finanzjarja u mhux finanzjarja mistennija tiegħu għal 58 proġett bħala "għolja" jew "sinifikanti", speċjalment għat-tul tal-perjodu ta' maturità pprovdut, li jaqbeż dak li huwa disponibbli fis-swieq lokali.

Malli jimmatura r-Results Measurement Framework tal-BEI, bil-mod il-mod tibda ssir disponibbli wkoll *data* dwar ir-riżultati li fil-fatt inkisbu f'xi operazzjonijiet fejn l-aspettattivi kienu ġew ifformulati permezz tal-ReM wara t-tnedija tiegħu fl-2012. Għall-2018 il-BEI rrapporta riżultati effettivi għal disa' linji ta' kreditu – sitta fit-Turkija u waħda fil-Georgia, fil-Libanu u fl-Ukrajna rispettivament. Fil-qafas ta' dawn il-linji ta' kreditu, il-banek imsieħba estendew EUR 1,52 biljun permezz ta' 5 740 self b'kollox, li 5 504 self minnhom ibbenefikaw lil SMEs u 232 lil kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja. Bl-għajnuna ta' dan is-self setgħu jiġu sostnuti 235 000 impjieg fil-kumpaniji benefiċjarji finali, li madwar 40 % minnhom kienu f'kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja. Il-perjodu ta' maturità medju tas-self mogħti lill-benefiċjarji finali (ippeżat skont id-daqs tas-self) kien 4,4 snin. Il-kumpanija benefiċjarja medja kellha 41 impjegat.

3.4 INVOKAZZJONI TAL-GARANZIJA TAL-UE

Fl-2018, il-BEI ħa passi għall-invokazzjoni mill-ġdid tal-Garanzija tal-UE bħala konsegwenza tal-ammonti tardivi b'rabta mas-self sovran Sirjan. Mill-2012 sal-2018, il-BEI b'kollox invoka EUR 421,2 miljun, li EUR 55,6 miljun minnhom kienu fl-2018, filwaqt li l-ammont prinċipali residwu potenzjalment eżerċitabbli kien EUR 211,5-il miljun fit-tmiem tal-2018[19]. L-isforzi biex jiġu rkuprati l-ammonti tardivi ma rnexxewx sa issa. Il-BEI rrikorra għall-qrati rilevanti biex jippreserva l-pretensjonijiet tal-UE fuq l-ammonti li tafu s-Sirja.

4. KOOPERAZZJONI TAL-BEI MA' SĦAB OĦRA

4.1 KOOPERAZZJONI MAL-KUMMISSJONI

Il-kooperazzjoni bejn il-BEI u l-Kummissjoni dwar kwistjonijiet marbuta mal-ELM issir fil-kuntest ta' sħubija usa' bejn iż-żewġ istituzzjonijiet, inkluż il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (fl-UE) kif ukoll il-faċilitajiet ta' finanzjament imħallat tal-UE insostenn tal-attivitajiet tal-istituzzjonijiet finanzjarji għall-iżvilupp barra mill-UE u fil-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD).

Il-BEI kompla jibni fuq il-faċilitajiet ta' taħlit tal-UE, jiġifieri finanzjament konċessjonali mir-riżorsi tal-baġit tal-UE, insostenn tat-tħejjija u/jew tal-implimentazzjoni tal-proġetti ffinanzjati mill-BEI. Fl-2018 ġew approvati 24 għotja ġdida ffinanzjati b'mod sħiħ jew parzjali mill-baġit tal-UE b'total ta' EUR 193 miljun għall-implimentazzjoni mill-BEI fir-reġjuni tal-ELM. EUR 43 miljun minnhom ġew allokati għall-assistenza teknika, EUR 105 miljun għall-għotjiet ta' investiment, EUR 40 miljun għall-kapital ta' riskju u EUR 5 miljun għas-sussidji tar-rata tal-imgħax.

Il-BEI huwa wkoll wieħed mis-sħab ta' implimentazzjoni għall-garanzija l-ġdida tal-UE li tiġi offruta permezz tal-EFSD. Madankollu, l-ELM u l-EFSD huma pjuttost immirati lejn tipi ta' prodotti, mutwatarji u żoni ġeografiċi differenti. Pereżempju, l-EFSD ma jkoprix il-Balkani tal-Punent, filwaqt li l-ELM ma jkoprix partijiet kbar tal-Afrika. Barra minn hekk, il-proċess

[19] L-ammonti huma rrapportati fl-ekwivalenti tal-EUR fil-31 ta' Diċembru 2018 għal skopijiet indikattivi biss. Uħud mit-talbiet għal ħlas ta' garanzija jirreferu għal ammonti dovuti f'muniti oħra.

tat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-garanziji tal-UE forniti fil-qafas tal-EFSD huwa differenti mill-garanzija ta' seba' snin ipprovduta bil-quddiem lill-BEI fil-qafas tal-ELM.

F'Ġunju 2018 il-Kummissjoni pproponiet li tagħti ħajja ġdida lill-għoti tal-garanziji baġitarji tal-UE għall-investiment barra mill-UE fil-kuntest tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) ta' wara l-2020[20]. L-approċċ propost għal wara l-2020 huwa bbażat fuq il-kunċett ta' "arkitettura miftuħa" fejn il-BEI jibqa' sieħeb importanti għall-finanzjament tal-investimenti li jsostnu l-iżvilupp sostenibbli barra mill-UE, imma għadd ta' istituzzjonijiet finanzjarji oħra jkunu jikkwalifikaw ukoll għall-garanziji tal-UE[21]. L-NDICI jipprevedi tmexxija politika aktar b'saħħitha mill-UE u koordinazzjoni msaħħa mal-istituzzjonijiet finanzjarji li jservu bħala sħab inkarigati mill-implimentazzjoni. Malli l-Parlament Ewropew u l-Kunsill bdew jeżaminaw il-proposta tal-NDICI, saru diskussjonijiet tekniċi ta' segwitu bejn il-Kummissjoni u l-BEI, li għenu biex jiġu speċifikati għażliet għat-tfassil tal-garanziji li l-UE tista' tagħti lill-BEI wara l-2020.

4.2. KOOPERAZZJONI MAL-OMBUDSMAN EWROPEW

Il-Memorandum ta' Qbil iffirmat bejn il-BEI u l-Ombudsman Ewropew fl-2008 jistabbilixxi l-bażi għaż-żewġ stadji tal-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tal-BEI. L-ilmenti l-ewwel jiġu ttrattati permezz tal-mekkaniżmu intern tal-BEI (EIB-CM) qabel ma possibilment jiġu eżaminati mill-Ombudsman. Il-BEI aġġorna l-politika tiegħu b'rabta mal-mekkaniżmu tal-ilmenti f'Novembru tal-2018[22].

Matul l-2018, l-Ombudsman la nnotifika u lanqas ma għalaq xi lment relatat mal-attivitajiet tal-BEI fir-reġjuni tal-ELM.

Fir-rigward tal-istadju intern tal-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tal-BEI, in-numru ta' lmenti rreġistrati ġodda b'rabta ma' proġetti fir-reġjuni tal-ELM żdiedu minn 14 fl-2017 għal 19 fl-2018. Minn dawn, 12 kienu relatati ma' kwistjonijiet ambjentali u soċjali, 5 mal-għoti ta' kuntratti mill-promoturi tal-proġetti, u 2 mal-għoti ta' kuntratti tal-BEI stess (servizzi ta' konsulenza). Fl-2018 l-EIB-CM għalaq ukoll 17-il każ fir-reġjuni tal-ELM: 4 fil-Bożnija-Ħerzegovina, 1 fl-Eġittu, 4 fil-Georgia, 1 fil-Ġordan, 1 fil-Marokk u 6 fis-Serbja. L-eżitu ta' dawn l-ilmenti ttrattati mill-BEI-CM varja minn "allegazzjonijiet mhux fondati" (11), "soluzzjoni amikevoli" (1), "allegazzjonijiet fondati" (2) u "oqsma għal titjib irrakkomandati" (3).

[20] Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, COM(2018) 460 final tal-14 ta' Ġunju 2018, li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali.

[21] Ara wkoll il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Settembru 2018 "Lejn arkitettura finanzjarja aktar effiċjenti għall-investiment barra mill-Unjoni Ewropea", COM(2018) 644 final.

[22] http://www.eib.org/en/infocentre/publications/all/complaints-mechanism-policy.htm

4.3. KOOPERAZZJONI MA' ISTITUZZJONIJIET FINANZJARJI INTERNAZZJONALI

Il-kooperazzjoni tal-BEI ma' Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali (IFIs, International Financial Institutions) oħrajn u ma' istituzzjonijiet tal-finanzi għall-iżvilupp (DFIs, development finance institutions) tal-Istati Membri tal-UE tvarja minn djalogu dwar kwistjonijiet istituzzjonali u kwistjonijiet tematiċi għall-kofinanzjament tal-operazzjonijiet u l-kondiviżjoni ta' ħidma teknika rilevanti.

Fl-2018 il-BEI u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ) flimkien ikkofinanzjaw 13-il proġett barra mill-UE, l-ogħla numru annwali li qatt intlaħaq. Seba' proġetti ġew ikkofinanzjati mal-Grupp AFD (Franza) u tnejn mal-Grupp KfW (Ġermanja). Barra minn hekk, sitt proġetti ġew ikkofinanzjati mal-Bank Internazzjonali għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (IBRD, International Bank for Reconstruction and Development), parti mill-Grupp tal-Bank Dinji, inkluż il-Pipeline tal-Gass Naturali Trans-Anatoljan u l-proġett tat-Trasport Sostenibbli ta' Bogota. Dan tal-aħħar u tliet proġetti oħra kienu jinvolvu wkoll kofinanzjament mill-Bank Interamerikan tal-Iżvilupp (IADB, Inter-American Development Bank). Minbarra dan, fl-2018 sar koinvestiment importanti mal-Japan International Cooperation Agency fl-operazzjoni tas-segment B tal-mina tal-Bosfru fit-Turkija.

Il-BEI, l-AFD u l-KfW komplew jikkooperaw mill-qrib ukoll fil-kuntest tal-Inizjattiva ta' Dipendenza Reċiproka (MRI, Mutual Reliance Initiative). Imnedija fl-2013, l-MRI tottimizza u tiffaċilita l-iżborż ta' kofinanzjament lill-benefiċjarji billi sserraħ fuq wieħed mit-tliet sħab li jassumi r-rwol ta' finanzjatur prinċipali għal ċerti kompiti relatati mal-proġett, eż. partijiet tad-diliġenza dovuta rigward il-proġetti jew tas-superviżjoni tal-għoti ta' kuntratti. Il-korpi tat-tmexxija u tat-teħid tad-deċiżjonijiet tas-sħab tal-MRI saru midħla tad-dokumenti mħejjija minn istituzzjoni oħra li huma jużaw għad-deċiżjonijiet tagħhom stess. Kollox ma' kollox, sal-aħħar tal-2018, 37 proġett fir-reġjuni tal-ELM li għalihom il-BEI ffirma kuntratti fil-qafas tal-ELM attwali (minn nofs l-2014 'l hawn) ġew ikkofinanzjati mal-Grupp AFD u/jew mal-Grupp KfW u 10 minnhom ġew koperti mill-Inizjattiva ta' Dipendenza Reċiproka.

Ċart 4: Kofinanzjament ta' proġetti tal-BEI li ġew iffirmati fl-2018 mill-IFIs u mid-DFIs



Nota: L-ammonti li għandhom jiġu kofinanzjati minn IFIs u DFIs oħra huma purament indikattivi, abbażi ta' stimi mwettqa fl-istadji bikrija tal-iżvilupp tal-proġett.